MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Numru 98/2006

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Joseph Ellul Sullivan, iben
Anthony, imwieled Siema
fis-27 ta' settembru, 1953

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-perjodu ta' bejn is-26 ta' marzu, 1999 u it-8 ta' awissu, 2001, bħala d-detentur tal-fond bin-numru 20, Nine Angels, Triq il-Madliena, Swieqi, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' l-elettriku, tal-kwalita' meħuda jew ikkunsmata, ikkometta serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' Lm1,939.84, mill-fond hawn fuq

imsemmi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra milli tagħti l-piena stabbilita mill-liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż ta' l-esperti maħtura mill-Qorti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' ġunju, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' ġunju, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270 u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' erbgħa u sittin lira maltin u tmenin ċentesimu (Lm64.80) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------